



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12060/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0235 (NLE)

ENER 420
RELEX 1133
COWEB 81
COEST 629

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija rigward l-inkorporazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħżin tal-gass fl-*acquis* tal-Komunità tal-Enerġija

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija rigward l-inkorporazzjoni
tar-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-ħżin tal-gass fl-*acquis* tal-Komunità tal-Enerġija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/500/KE tad-29 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Energija¹,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, u b'mod partikolari l-Artikoli 79, 24 u 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 198, 20.7.2006, p. 15.

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea hija Parti għat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija.
- (2) It-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/500/KE, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2006.
- (3) Wieħed mill-kompiti ewlenin tal-Komunità tal-Enerġija huwa li torganizza r-relazzjonijiet bejn il-Partijiet għat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija u toħloq qafas legali u ekonomiku li jkopri s-setturi tal-elettriku u tal-gass kif definit fit-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija.
- (4) Minħabba fl-importanza tal-ħażniet tal-gass fl-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tal-gass, u fl-isfond tal- gwerri ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni adottat Regolament b'mod urġenti Regolament dwar il-ħżin tal-gass, jiġifieri r-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Jenħtieġ li dan jiġi inkorporat b'urġenza, fl-acquis tal-Komunità tal-Enerġija.
- (5) Skont it-Titolu II tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tipproponi miżuri t rigward l-estensjoni tal-acquis tal-Komunità tal-Enerġija.
- (6) L-inkorporazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/1032 fl-acquis tal-Komunità tal-Enerġija tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-Komunità tal-Enerġija u ser tkun ta' benefiċċju għall-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija f'termini ta' sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

¹ Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17).

- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Kunsill fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija ("il-Kunsill Ministerjali") rigward l-inkorporazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/1032 fl-acquis tal-Komunità tal-Enerġija.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill Ministerjali tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż.
- (9) Minħabba fl-urġenza tas-sitwazzjoni relatata mal-ħżin tal-gass, huwa neċessarju li din id-Deċiżjoni tiġi adottata mingħajr dewmien,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija ("il-Kunsill Ministerjali") għandha tkun li jiġi approvat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.
2. Il-Kummissjoni tista' taqbel ma' bidliet żgħar, fid-dawl ta' kummenti mill-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija qabel jew waqt il-proċedura ta' adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
